**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 22/2016

Seduta tal-1 ta' Dicembru, 2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Giuseppe Aquilina**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Giuseppe Aquilina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 612363M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar t'Awissu, 2015 f'dawn il-Gzejjer naqas li jaghti lil Maria Assunta Aquilina is-somma ta' €150 fix-xahar, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi

zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Jannar, 2016 li biha sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Giuseppe Aquilina, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ma ssibx lill-appellant hati u tilliberah;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi kif tajjeb irrileva l-Avukat Generali, s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ggib id-data tas-7 ta' Jannar, 2016 meta fattwalment inghatat fit-18 ta' Jannar 2016. Dan jimporta n-nullita tas-sentenza appellata u ghalhekk is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi fis-7 ta' Jannar 2016 qed tkun dikjarata nulla;

2. Illi ghalhekk din il-Qorti ghaddiet sabiex tisma l-kawza mil-gdid. L-kwerelanti xehedet quddiem din il-Qorti illi l-appellant kien fil-fatt hallasha dik ir-retta alimentari ordnata mill-Qorti;

3. Illi ghalhekk kunsiderazzjonijiet ulterjuri dwar dan il-mertu ikunu inutili u ghal dawn il-motivi, stante li ma tirrizultax, din i-Qorti mhix qed issib lill-appellant hati u konsegwentement qed tilliberah minn kull htija u piena.